MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 476/2012

**Digital Planet Ltd (C29521)**

**vs.**

**Joseph Francis Scerri (ID. 214062M) ezercenti l-kummerc taht it-*trade names* "Marie Lou Households" u "Ta' Jeanmarie" flimkien ma' martu Mary Ann Scerri (ID. 608255M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett'elef mitejn u erbgha u tmenin Ewro (€3,284) dovuta mill-konvenuti lis-socjeta` attrici, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti fuq ordnijiet taghhom stess u li baqghet ma thallsitx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici datata t-8 t' Ottubru 2012, li permezz taghha rriduciet l-ammont tat-talba qua somma kapitali ghal elfejn disa' mija u disgha u sebghin Ewro (€2,979) stante hlas tas-somma ta' tliet mija u hames Ewro (€305) fil-mori tal-kawza minghand il-konvenuta Mary Anne Scerri.

Sema lill-konvenuta tixhed minn jeddha bil-gurament fejn hija ammettiet it-talba tas-socjeta` attrici kif ridotta u kkonfermat li hija u l-konvenut ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u disgha u sebghin Ewro (€2,979)

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett ta' tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba ghas-sentenza ghas-seduta odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, jilqa` t-talba attrici kif ridotta, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa' mija disgha u sebghin Ewro (€2,979) bl-imghax legali dekorribbli mill-10 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------